# Xi xogħlijiet fir-repertorju vast ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867 – 1944)

Mija u ħamsin sena minn twelidu




Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: F'Malta, dis-sena, id-dinja bandistika qed tiċċelebra l-150 anniversarju mit-twelid ta' wieħed mill-kompożituri l-aktar prolifiċi u versatili li qatt rat Malta. Dan huwa Mro. Antonio Miruzzi (10.x.1867 – 23.x.1944), imwieled il-Furjana, u li għex u miet il-Ħamrun. Xi darba jew oħra, kull banda Maltija u Għawdxija daqqet xi xogħol jew ieħor minn tiegħu, sew jekk hu xi marċ brijuż, funebri, reliġjuż, sinfoniku, jew trionfali, jew xi innu tal-banda, popolari, jew solenni, xi fantasija, kapriċċ, melodija, overtura, jew sinfonija, jonkella xi danza, galopp, gavotta, kwadrilja, mażurka, *passo doppio*, polka, valz, jew xi tip ieħor ta' mużika ballabbli. Uħud minn xogħlijietu ġew ippremjati f'konkorsi internazzjonali, saħansitra ppubblikati. F'karriera twila ta' 'l fuq minn erbgħin sena bejn l-aħħar deċennju tas-seklu dsatax u l-bidu tat-tletinijiet tas-seklu l-ieħor, Miruzzi kien surmast-direttur ta' għadd ġmielu ta' baned u entitajiet mużikali oħra. Kien ukoll magħruf ħafna bħala għalliem ta' ħila kbira u direttur tal-banda mill-aqwa. Dan l-artiklu huwa ntiż li jdewwaq lill-qarrej ftit mill-ħafna u ħafna xogħlijiet li ħarġu mill-pinna inimitabbli tiegħu.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), 12th May Band and Social Club (Żebbuġ), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Mhux faċli tikteb artiklu fuq ir-repertorju daqstant vast bix-xogħlijiet ta' Miruzzi. L-ewwelnett, dawn donnhom ma jispiċċaw qatt, għax kif jgħid tajjeb Mro. Michael Chircop[1], 'ġew bħax-xita'. It-tieninett, f'uħud mix-xogħlijiet tiegħu ma kienx iniżżel ismu fuqhom u/jew jagħtihom isem. It-tieletnett, uħud minnhom intilfu, ġew 'neqsin', jew inqerdu fl-aħħar Gwerra Dinjija, bħal fil-każ tal-arkivji tal-baned 'La Vincitrice' (L'Isla), 'San Piju X' (Ħal Lija), u 'Sant' Andrija' (Ħal Luqa). Skont Mifsud Matrenza[2], l-istess ġara mill-mużika li kien hemm fl-arkivju tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża. Ngħidu aħna, fost ix-xogħlijiet il-mitlufin insibu li kien hemm: *Un Saluto a Ħamrun* (*Marcia Militare*[3]), *Ħamrun Spartans* (*Marcia Eroica*)[4] (1918), *Ħamrun Boys' Scouts* (*Marcia*)[5] (1918), *San Giuseppe* (*Marcia Sinfonica*), u *Marchese Scicluna*[6] (*Marcia Trionfale*) (1904).

---

[1] L-awtur ta' 'Tifkira tas-Surmast A. Miruzzi' (In-Nazzjon Tagħna, 26 Jannar 1972.)

[2] Joseph Mifsud Matrenza jista' jitqies bħala l-istorjografu tas-Soċjetà Ġużeppina Ħamruniża peress li kien hu li ġabar it-tagħrif kollu biex seta' joħroġ il-ktieb taċ-ċentinarju tas-Soċjetà Mużikali 'San Ġużepp', Ħamrun fl-1898.

[3] Il-marċi, hekk imsejħa 'brijużi' ta' Miruzzi kellhom aktar xeħta militari.

[4] Inkiteb għall-okkażjoni tat-tieni rebħa tat-tim Ħamruniż fil-kampjonat tal-aqwa diviżjoni tal-futbol Malti fl-istaġun 1917-18. Skont Mifsud Matrenza, dal-marċ 'erojku u patrijottiku' kien jixbah lill-marċ trionfali *Gloria all' Egitto* tal-opra *Aïda* ta' Verdi.

[5] Imnebbah mill-ħafna parati li l-banda tal-*iscouts* kienet bdiet tagħmel ftit wara t-twaqqif tagħha fl-1913 ġewwa l-Ħamrun. Skont Mifsud Matrenza, il-marċ kien wieħed 'majestuż u trijonfali bit-trombi li jixbah ħafna 'l-marċi ta' Sousa.' Indaqq għall-ewwel darba fil-festa ta' San Gejtanu ta1-1918.

[6] Waqt programm li kien sar mill-Banda 'san Ġużepp' tal-Ħamrun fl-1905, Miruzzi kienet ngħatatlu *porta sigaretti* tal-fidda bħala rigal mingħand il-Markiż.




Uħud mix-xogħlijiet tiegħu kien jagħtihom isem bil-Franċiż. Dan għall-fatt li, għal xi żmien hu kien jgħix (jew ġej u sejjer) it-Tuneżija, u kien jiktibhom speċifikament għall-banda li hu kien waqqaf fuq talba tal-Maltin t'hemmhekk stess. Din kienet iġġib l-isem ta' *(Filarmonica) Melitensis 'La Valette'*. Fost ix-xogħlijiet li kiteb meta kien Tuneż insemmu biss, il-Polka 'Cecil', u l-'*Cavatina nell'Opera 'Attila' variata per clarinetto Sib*' datata 28 ta' Ġunju 1895. Kif nafu, it-Tuneżini kienu u għadhom jitkellmu bil-Franċiż peress li dan il-pajjiż kien kolonja Franċiża qabel ma ħa l-Indipendenza tiegħu fl-1956. Xogħlijiet oħra bit-titlu Franċiż huma: *La Joyeuse* (Marċ), *Mes Compliments* (Valz), u l-*Fantasie Arabe*. Mir-riċerka li għamel Grazio Anton Grech[7], jirriżulta li, din il-fantasia, flimkien mal-overtura *La Pausense* kienu ġew esegwiti mill-banda 'La Valette' ta' Tuneż waqt programm mużikali li kien sar f'Kospikwa fis-26 ta' Ġunju 1897. U b'rabta dejjem mat-Tuneżija, Miruzzi għandu xogħol ieħor minn tiegħu li jġib l-isem ta' *La Tunisina* (1928). Fl-eżempju t'hawn taħt qed inġib waħda mill-ħafna kadenzi li nsibu fil-*Cavatina* għall-klarinett u banda li għadna kif semmejna:



Hemm imbagħad, xogħlijiet oħrajn li kien isemmihom bl-Ingliż peress li, fi żmienu, Malta kienet għadha kolonja tal-Imperu Brittaniku: *Last Time* (Marċ) (1895), *Our President*[8] (Marċ), *Maltese Bells* (Valz), *Farewell!* (Marcia) (1903), *Once More* (Polka), *Rank of Corporal*[9] (*Passo Doppio*). Max-xogħlijiet il-'mitlufin' nistgħu nsemmu wkoll, sett marċi militari li Miruzzi kien kiteb għall-banda tal-Ħamrun fl-1916 – liema sena kienet deskritta bħala dik tal-Attrizzjoni. Il-marċi kienu ntitolati b'mod sinifikattiv kif ġej: 1. *Lord Kitchener*, 2. *Albert of Belgium*, 3. *General Joffre*, 4. *Serbia*, 5. *The Heroes of Verdun*, 6. *Victory*. Dawn il-marċi kollha kienu żżanżnu waqt marċ li din il-banda kienet għamlet mat-toroq ewlenin tal-Ħamrun. Min jaf fejn spiċċa dan is-sett?! U b'rabta dejjem mal-marċi, hawn taħt qed inġib l-introduzzjoni ta' marċ militari ieħor li jġib l-isem bit-Taljan, *La Piccola Sonia*:



Marċi funebri: Skont Mifsud Matrenza, il-forte ta' Miruzzi, 'minbarra s-sinfoniji u l-innijiet li kiteb, kienu l-marċi funebri, li kiteb *madwar* erbatax li, minkejja l-medda taż-żmien, għadhom jindaqqu sa żmienijietna.' Wieħed jinnota li, l-awtur hawnhekk juża l-kelma 'madwar' għax mhux faċli tgħid bl-eżatt kemm kiteb. Fit-tabella t'hawn taħt qed inġib tabella ta' dawk il-marċi funebri li aħna s'issa ċerti li ħarġu mill-pinna tiegħu. Dawn kienu ngħataw lill-baned hawn taħt imsemmija bħala rigal mill-kompożitur:

[7] Erbatax-il profil ta' mużiċisti Għawdxin, Maltin u Barranin, pġ. 24.
[8] Dan il-marċ kien iddedikah lill-Avukat Fortunato Mizzi u ndaqq għall-ewwel darba mill-banda 'La Valette' fil-festa ta' San Duminku fit-3 ta' Awwissu 1897. Idem., pġ. 25.
[9] Kien indaqq waqt programm mill-banda 'Leone' tal-Belt Victoria, Għawdex fil-festa ta' San Kolaġeru fl-1893. Ibid., pġ. 23.

| | Isem tal-marċ funebri | ‘San Ġużepp’ | ‘Sant’ Andrija’ | ‘Isouard’ |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| 01 | *Cordoglio* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 02 | *Sconforto* | | ✓ | ✓ |
| 03 | *Remembranze* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 04 | *Cadavere* | | ✓ | ✓ |
| 05 | *Una Lacrima* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 06 | *Triste Pensieri* | | ✓ | ✓ |
| 07 | *Rimpianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 08 | *Giorno di Pianto* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 09 | *Lagrime* | ✓ | | ✓ |
| 10 | *Ai Miei Cari* | | ✓ | ✓ |
| 11 | *Venerdì Santo* | ✓ | ✓ | ✓ |
| 12 | *Tristezza* | ✓ | | |

Innijiet solenni: Bla dubju ta’ xejn, l-innijiet solenni huma fost l-aktar xogħlijiet importanti fir-repertorju vast tiegħu. Tlieta minn dawn għadhom jindaqqu sal-ġurnata tallum: Innu Solenni ‘*Alla Beata Maria Vergine*’ (Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard', Mosta); Innu Solenni lil San Gejtanu (Soċjetà Mużikali ‘San Ġużepp’, Ħamrun; Innu Solenni lil Ġesù Salvatur (Banda ‘Papa Piju X’, Ħal Lija). Hemm innijiet oħrajn ta’ Miruzzi li għadna ma nafux jekk humiex qabelxejn żgħar jew kbar, jew jekk għadhomx jindaqqu, jonkella intilfux. Fost dawn insemmu l-Innu ‘*Maria Vergine del Mare’* għas-*Società Filarmonica* ‘*I Cavalieri di Malta*' ta’ Tas-Sliema, fuq versi ta’ Dun Pawl Vella D.D. Dan l-innu kien iżżanżan f’lejlet il-festa ta’ Stella Maris fit-23 ta’ Awwissu 1902. Hemm ukoll, l-Innu ‘*A Maria Vergine con voci puerili*’ li kien indaqq mill-Banda ‘Konti Ruġġieru’ fil-festa tan-Naxxar tal-1927. Wieħed ma jistax jgħid jekk, dan huwiex l-istess wieħed li jġib l-isem bil-Malti ta’ ‘Innu lill-Verġni Mbierka’ li kien jindaqq f’lejlet u nhar il-festa ta’ Santa Marija ġo Ħ’Attard mill-banda msemmija bejn l-1926 u l-1936. F’dan tal-aħħar kienu jkanta kor tat-tfal bniet u tenur, u l-versi tiegħu huma tal-Kav. G. Muscat Azzopardi. Jingħad ukoll li, Miruzzi kien kiteb l-Innu Solenni ‘Sant’ Andrea’ għall-banda Luqija li ġġib l-istess isem, liema xogħol nemmen li għad isib id-dawl u jibda jindaqq ukoll.



Mużika sagra jew ta’ xeħta reliġjuża: Bħala kompożitur daqstant prolifiku, ma setax jonqos li Miruzzi ma jiktibx ukoll f’dan il-ġeneru. Minbarra l-innijiet li semmejna hawn fuq għandna tiegħu wkoll, responsorji għall-Ġimgħa Mqaddsa, *Tantum Ergo* għal Tenur u Baritonu, u tnejn oħra għal Tenur u Baritonu rispettivament, *Vexilla Regis, Sette Parole, Ultima Parola, Gesù sul Tabor,* kif ukoll, *Stabat Mater* għal orkestra. Ħafna minn dawn il-kompożizzjonijiet huma xogħlijiet pjuttost kbar. Wieħed ma jridx jinsa jsemmi wkoll, il-marċ reliġjuż, *O Del Cielo Regina Possente* (1897) li kien kiteb espressament għas-Soċjetà Filarmonica 'Nicolò Isouard' tal-Mosta, u l-Innu-marċ *Maria Assumpta* lill-Għaqda Mużikali ‘Sta. Marija’ ta’ Ħal Għaxaq.

Tul il-karriera tiegħu wkoll, min jaf kemm-il arranġament għamel ta’ mużika klassika u/jew operistika għall-banda. Ngħidu aħna, dawn li ġejjin jinsabu fl-arkivju tal-Banda Ġużeppin Ħamruniża:

| | | | |
|---|---|---|---|
| ‘Ernani' Atto IV | Selection | Gran Reminiscenza di Verdi | Selection |
| ‘Faust' Gounod | Selection | ‘Barbieri di Siviglia' Rossini | Sinfonia |
| ‘Gioconda' Ponchielli | Selection | Opere Donizetti | Pot Pourri |

F’artiklu daqshekk żgħir ma jtiniex biżżejjed spazju biex ngħidu kelma fuq in-numru bla qies ta’ mużika ballabbli li Miruzzi kien tant iħobb jikteb, bħal m’huma l-valzi, *Rosso e Bianco* (1903), *Il Pensiero, Mille*

*Baci*, *Ricordo, Sola e Mesta*, *Tempo Fa*, *La Morocchina*, u *La Spagnola*; il-polki, *La Promessa*, *Pst. Pst. Bella*, u *Verba*; il-gavotti, *Amor Discreto* u *Carezze*; il-galopp, *Costantino*; id-danzi, *La Creola* u *La Tunesina* (1928); il-*passo doppio*, *San Paolo*, u tant u tant oħrajn. Fl-arkivju tagħha, l-Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' ta' Ħal Luqa għandha wkoll xogħol minn tiegħu bl-isem ta' *Ballabile*, li jikkonsisti f'erba' *suites* għal flawt, żewġ vjolini, u klarinett baxx.

Sa sena qabel miet, Miruzzi kien qed jaħdem fuq opra, iżda la nafu x'kien ser ikun is-suġġett tagħha u wisq inqas min seta' kien il-librettist. L-opra baqgħet bla mitmuma u ma nafux safejn laħaq wasal fiha.

Għeluq: Dan l-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żebbuġin: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' San Filep li qed tiġi ċċelebrata ġewwa Ħaż-Żebbuġ; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)